MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 978/2011

**Bajja Investments Limited [C-13745]**

**vs**

**Kurt Galea Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett elef tlett mija sitta u teltin euro u sebgha centezmi ta' euro (€3,336.07) rapprezentanti servizzi lilu prestati u kontijiet minnu mhux imhallsa fil-Lukanda Le Meridien St. Julians Hotel & Spa. Is-socjeta attrici talbet ukoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali 166A u l-imghax kummercjali bl-ghola rata permessa mill-ligi skond l-artikolu 26A sa 26E tal-Kodici tal-Kummerc sal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba

odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-30 ta’ Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-30 ta’ Marzu, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghar-rigward tat-talba sabiex l-imghaxijiet jkunu skond l-artikolu 26A sa 26E tal-Kodici tal-Kummerc sal-pagament effettiv, it-Tribunal ma jistax jilqa din it-talba u dan ghar-raguni li s-socjeta attrici ma resqitx prova li l-konvenut huwa kummercjant jew membru tal-professjoni libera (ex art. 26A tal-Kap. 13). Ghalhekk l-imghaxijiet ghandhom ikunu skond dak dispost fil-Kodici Civili u cioe ta’ tmienja fil-mija (8%), li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta’ l-ittra ufficjali 166A ntavolata kontra l-konvenut sal-hlas effettiv.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett elef tlett mija sitta u tletin euro u sebgha centezmi ta’ euro (€3,336.07) bl-imghaxijiet kif inghad.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------